KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fil-21 ta' Frar 2018 [1]

Kawża C-667/16

M.N.J.P.W. Nooren, aventi kawża ta' M.N.F.M. Nooren
J.M.F.D.C. Nooren, aventi kawża ta' M.N.F.M. Nooren
vs
Staatssecretaris van Economische Zaken

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika agrikola komuni – Pagamenti diretti – Regolament (KE) Nru 73/2009 – Artikoli 23 u 24 – Regolament (KE) Nru 1122/2009 – Artikoli 70 sa 72 – Nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità – Tnaqqis u esklużjonijiet – Aggregazzjoni tat-tnaqqis"

I. Introduzzjoni

1. Il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi) ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009 [2].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn l-aventi kawża ta' baqqâr u s-staatssecretaris van Economische Zaken (is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi, il-Pajjiżi l-Baxxi) dwar it-tnaqqis tal-għajnuna mogħtija skont l-iskema ta' appoġġ dirett għall-bdiewa, kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 73/2009 [3], minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità marbuta mal-benesseri tal-annimali.

3. Permezz tad-domandi preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn huma kkonstatati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan l-istess qasam, l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 jippermettux li jiġu aggregati flimkien, minn naħa, it-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm jekk ripetuti kif ukoll jekk mhux ripetuti, u min-naħa l-oħra, it-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Regolament tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa previsti minn dan ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65).

3 Regolament tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16).

4. Fil-konklużjonijiet preżenti, ser nispjega r-raġunijiet li għalihom inqis li din id-domanda jistħoqqilha risposta fl-affermattiv u kif, f'tali sitwazzjoni, l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009, moqrija flimkien mal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 73/2009, mhux biss jippermettu iżda jeżiġu l-aggregazzjoni ta' dan it-tnaqqis.

II. Id-dritt tal-Unjoni

A. Ir-Regolament Nru 73/2009

5. L-Artikolu 23, intitolat "Tnaqqis jew esklużjoni minn pagamenti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-kundizzjonalità" li jinsab fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tar-Regolament Nru 73/2009, intitolat "Sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fejn fi kwalunkwe żmien f'sena kalendarja partikolari (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'is-sena kalendarja konċernata') ma ssirx konformità mal-kundizzjonjiet amministrattivi statutorji u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, u n-nuqqas ta' konformità msemmi jkun ir-riżultat ta' att jew ta' nuqqas direttament marbut mal-bidwi li kien ippreżenta l-applikazzjoni għall-għajnuna fis-sena kalendarja konċernata, l-ammont totali ta' pagamenti diretti li ngħata jew għandu jingħata lil dak il-bidwi, wara l-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 10 u 11 għandhu jitnaqqas jew jiġi eskluż f'konformità mar-regoli dettaljati stipulati fl-Artikolu 24."

6. L-Artikolu 24, li jinsab fl-istess kapitolu tar-Regolament Nru 73/2009, intitolat "Regoli dettaljati dwar tnaqqis u esklużjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' kundizzjonalità", jipprovdi:

"1) Regoli dettaljati għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23 għadhom jiġu stabbiliti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2). F'dan il-kuntest, għandhom jiġu meqjusa s-severità, il-firxa, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità li jirriżulta kif ukoll il-kriterji mniżżla fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2) F'każ ta' negliġenza, il-perċentwali tat-tnaqqis m'għandux jaqbeż il-5 % u, 15 % fil-każ ta' nuqqas ta' konformità repetittiv.

[…]

3) Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat, bħala prinċipju l-perċentwali ta' tnaqqis m'għandux ikun inqas minn 20 % u jista' jwassal saħansitra għal esklużjoni totali minn waħda jew aktar mill-iskemi ta' għajnuna varji u dan ikun japplika għal sena kalendarja waħda jew aktar.

4) Fi kwalunkwe każ, l-ammont totali tat-tnaqqis u l-esklużjonijiet għal sena kalendarja waħda m'għandux ikun aktar mill-ammont totali msemmi fl-Artikolu 23(1)."

7. Ir-Regolament Nru 73/2009 ġie abrogat u ssostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 [4] b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 [5]. Ir-Regolament Nru 73/2009 jibqa' madankollu applikabbli *ratione temporis* għall-fatti tal-kawża prinċipali li jirrigwardaw is-sena 2011 [6].

B. Ir-Regolament Nru 1122/2009

8. L-Artikolu 70, intitolat "Prinċipji ġenerali u definizzjoni" li jinsab fil-Kapitolu III tat-Titolu IV tal-Parti II tar-Regolament Nru 1122/2009, intitolat "Sejbiet relatati mal-kundizzjonalità", jipprovdi fil-paragrafu 6 tiegħu:

"Fejn ikun ġie ddeterminat aktar minn każ wieħed ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward ta' atti jew standards varji tal-istess qasam ta' kundizzjonalità, dawk il-każi għandhom, għall-finijiet tal-iffissar tat-tnaqqis skont l-Artikoli 71(1) u 72(1), jitqiesu bħala nuqqas ta' konformità waħda."

9. L-Artikolu 71, li jinsab fl-istess kapitolu tar-Regolament Nru 1122/2009, intitolat "Applikazzjoni tat-tnaqqisiet fil-każ ta' negliġenza", jipprovdi:

"1) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 77, meta nuqqas ta' konformità ddeterminat jirriżulta min-negliġenza tal-bidwi, għandu jiġi applikat tnaqqis. Bħala regoli ġenerali, dak it-tnaqqis għandu jkun 3 % tal-ammont totali msemmi fl-Artikolu 70(8).

Madankollu, l-aġenzija tal-ħlas tista', abbażi tal-valutazzjoni fornuta mill-awtorità kompetenti ta' kontroll fil-parti tal-evalwazzjoni tar-rapport tal-kontroll skont l-Artikoli 54(1)(c), tiddeċiedi jew li tnaqqas dak il-perċentwal għal 1 % jew li żżidu għal 5 % ta' dak l-ammont totali jew fil-każijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 54(1)(c), li ma timponi l-ebda tanqqis.

[…]

5) Mingħajr preġudizzju għall-każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali skont l-Artikolu 72, meta jkunu ġew stabbiliti nuqqasijiet ta' konformità ripetuti, il-perċentwal iffissat skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità ripetut għandu, fir-rigward tal-ewwel repetizzjoni, jiġi multiplikat bil-fattur ta' tlieta. Għal dan il-għan, l-aġenzija tal-ħlas għandha, fil-każ fejn il-perċentwal kien iffissat skont il-paragrafu 70(6), tiddetermina l-perċentwal li kieku kien jiġi applikat għan-nuqqas ta' konformità ripetut mar-rekwiżit jew mal-istandard konċernat.

Fil-każ ta' repetizzjonijiet ulterjuri, il-fattur ta' multiplikazzjoni ta' tlieta għandu jiġi applikat kull darba għar-riżultat tat-tnaqqis iffissat fir-rigward tan-nuqqas ta' konformità ripetut preċedenti. Madankollu, it-tnaqqis massimu ma għandux ikun aktar minn 15 % tal-ammont totali msemmi fl-Artikolu 70(8).

Ladarba l-perċentwal massimu ta' 15 % jintlaħaq, l-awtorità tal-ħlas għandha tinforma lill-bidwi konċernat li jekk jerġa jiġi determinat l-istess nuqqas ta' konformità, għandu jitqies li hu jkun aġixxa intenzjonalment skont it-tifsira tal-Artikolu 72. Meta jiġi stabbilit nuqqas ta' konformità ulterjuri wara dan, il-perċentwal ta' tnaqqis li għandu jiġi applikat għandu jiġi ffissat billi jiġi multiplikat ir-riżultat tal-multiplikazzjoni preċedenti, fejn applikabbli, qabel ma tkun ġiet applikata l-limitazzjoni ta' 15 % prevista fl-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu, bil-fattur ta' tlieta.

4 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608). Għandu jiġi nnotat li r-regoli dwar il-kundizzjonalità issa huma previsti fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1200/2005 u (KE) Nru 485/2008 tal-Kunsill (ĠU 2013, L 347, p. 549).

5 Ara l-Artikolu 72(2) u l-Artikolu 74 tar-Regolament Nru 1307/2013.

6 Ara l-punt 12 ta' dawn il-konklużjonijiet.

6) F'każ fejn nuqqas ta' konformità ripetut jiġi ddeterminata flimkien ma' nuqqas ta' konformità ieħor jew ma' nuqqas ta' konformità ripetut ieħor, il-perċentwal ta' tnaqqis li jirriżulta għandu jingħadd flimkien. Madankollu, mingħajr preġudizzju għat-tielet subparagrafu 5, it-tnaqqis massimu ma għandux ikun aktar minn 15 % tal-ammont totali msemmi fl-Artikolu 70(8)."

10. L-Artikolu 72, li jinsab fl-istess kapitolu tar-Regolament Nru 1122/2009, intitolat "Applikazzjoni ta' tnaqqis u esklużjonijiet f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 77, fejn in-nuqqas ta' konformità ddeterminat ikun twettaq intenzjonalment mill-bidwi, it-tnaqqis li għandu jiġi applikat għall-ammont totali msemmi fl-Artikolu 70(8) għandu, bħala regola ġenerali, ikun ta' 20 % ta' dak l-ammont totali.

Madanakollu, l-aġenzija tal-ħlas tista', abbażi tal-valutazzjoni fornuta mill-awtorità kompetenti ta' kontroll fil-parti tal-evalwazzjoni tar-rapport ta' kontroll skont l-Artikolu 54(1)(c), tiddeċiedi li tnaqqas dak il-perċentwal għal mhux inqas minn 15 % jew, fejn xieraq, li żżid dak il-perċentwal sa 100 % ta' dak l-ammont totali."

11. Ir-Regolament Nru 1122/2009 ġie abrogat u ssostitwit bir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 640/2014[7], b'effett mill-1 ta' Jannar 2015[8]. Ir-Regolament Nru 1122/2009 jibqa' madankollu applikabbli *ratione temporis* għall-fatti tal-kawża prinċipali li jirrigwardaw is-sena 2011[9].

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

12. Matul is-sena 2011, spetturi tal-Algemene Inspectiedienst (is-Servizz Ġenerali ta' Spezzjoni, il-Pajjiżi l-Baxxi) ikkonstataw, f'għaxar okkażjonijiet, li M.N.F.M Nooren (iktar 'il quddiem "M.Nooren"), baqqâr ta' bhejjem tal-ħalib u tal-laħam, kien naqas milli josserva numru ta' regoli ta' kundizzjonalità dwar il-benesseri tal-annimali[10]. Abbażi ta' dawn il-konstatazzjonijiet, ġie applikat tnaqqis tal-ammont totali ta' pagamenti diretti lil M. Nooren għas-sena 2011[11].

13. Permezz tad-deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2014, is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi ffissa l-perċentwali ta' tnaqqis għal 55 %[12]. Dan it-tnaqqis kien kompost minn naħa, minn tnaqqis ta' 15 % għal diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti u min-naħa l-oħra, minn tnaqqis ta' 40 % għal diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali. Fir-rigward tat-tnaqqis ta' 40%, is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi qies li, minħabba ċ-ċirkustanzi aggravanti, it-tnaqqis ta' 20 %, normalment applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, kellu jiġi rdoppjat[13].

7 Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 181, p. 48).

8 Ara l-Artikolu 43 tar-Regolament ta' Delega Nru 640/2014.

9 Ara l-punt 12 ta' dawn il-konklużjonijiet.

10 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-ksur ikkonstatat kien jikkonċerna, b'mod partikolari, l-obbligu li tingħata l-kura adegwata lil għoġġiela; li jiġi pprovdut biżżejjed ilma frisk u adegwat lil għoġġiela; li jiġu protetti l-annimali miżmuma barra kontra l-kundizzjonijiet ħżiena meteoroloġiċi, kontra l-predaturi u kontra r-riskji għas-saħħa; li jiġi pprovdut biżżejjed għalf xieraq u tajjeb għas-saħħa; li jkun hemm konformità mad-dimensjonijiet minimi tal-kaxex għall-akkomodazzjoni individwali tal-għoġġiela; li jiġu iżolati annimali morda jew imweġġa' u li l-tingħata kura immedjata u adegwata lill-annimali li jidhru morda jew imweġġa' u li jiġi kkonsultat veterinarju.

11 Għat-terminu "pagament dirett", ara l-Artikolu 2(d) tar-Regolament Nru 73/2009.

12 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-tnaqqis kien inizjalment stabbilit għal 15 %. Sussegwentement, ġie kkalkolat mill-ġdid, l-ewwel darba għal 65 %, it-tieni darba għal 100 % u, fl-aħħar nett, għal 55 %, permezz tad-deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2014.

13 F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li kien ġie kkonstatat li numru ta' annimali kienu sofrew għalxejn u kienu sfaw imweġġa' u wħud minnhom kellhom jiġu ewtanizzati minħabba l-ksur ikkonstatat. Barra minn hekk, jirriżulta li s-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi qies li din kienet "politika kontinwa u fuq tul taż-żmien" min-naħa tal-bidwi kkonċernat.

14. L-aventi kawża ta' M. Nooren, M.N.J.P.W. Nooren u J.M.F.D.C. Nooren ippreżentaw rikors quddiem il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku) b'mod partikolari kontra d-deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2014 tas-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi [14].

15. Insostenn tar-rikors tagħhom, l-aventi kawża ta' M. Nooren jargumentaw, b'mod partikolari, li skont l-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 1122/2009, il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati għandhom jitqiesu bħala każ wieħed ta' nuqqas ta' konformità. Fil-każ ineżami, hemm inkwistjoni każijiet ta' nuqqas ta' konformità ripetuti fi ħdan l-istess qasam ta' kundizzjonalità. Għalhekk, fil-kuntest tal-Artikolu 71(6) tal-imsemmi regolament, ma jistax ikun hemm l-aggregazzjoni tal-perċentwali ta' tnaqqis. Għaldaqstant, fil-fehma tagħhom, it-tnaqqis ma jistax jeċċedi l-15 %.

16. Il-qorti tar-rinviju tqis li s-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi stabbilixxa korrettament, minn naħa, it-tnaqqis ta' 15 % għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti, u min-naħa l-oħra, tnaqqis ta' 40 % għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali. Madankollu, din il-qorti għandha dubji dwar il-kwistjoni ta' jekk, skont l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009, l-imsemmi tnaqqis jistax jiġi aggregat, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

17. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis li l-interpretazzjoni proposta mis-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi li tipprovdi li tali aggregazzjoni hija possibbli, teskludi r-regola ġenerali li tinsab fl-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 1122/2009 (diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan l-istess qasam ta' kundizzjonalità għandhom jitqiesu bħala każ uniku għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-tnaqqis) favur ir-regola speċifika prevista fl-Artikolu 71(6) tar-Regolament Nru 1122/2009 (fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ripetut flimkien ma' nuqqas ta' konformità ieħor jew ta' nuqqas ta' konformità ripetut ieħor, il-perċentwali ta' tnaqqis għandhom jiġu aggregati). Barra minn hekk, dejjem skont il-qorti tar-rinviju, permezz ta' din l-interpretazzjoni, is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi jidher li ma jiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Artikolu 71(6) tar-Regolament Nru 1122/2009 ma huwiex applikabbli meta regola ta' kundizzjonalità, bħala tali, ma tiġix osservata intenzjonalment. Ir-regoli ta' kalkolu għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali huma rregolati mill-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 1122/2009. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tinkludi ebda regola għas-sitwazzjoni fejn każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti, minn naħa, jikkoinċidu ma' każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, min-naħa l-oħra. L-imsemmija dispożizzjonijiet ma jippermettux li jiġi ddeterminat b'mod ċar jekk u kif it-tnaqqis rilevanti jistax jiġi aggregat flimkien, jew jekk is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi ffissax korrettament it-tnaqqis totali għal 55 %.

18. Fuq din il-bażi, il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li ġejjin:

"1) Il-leġiżlatur tal-Unjoni ippreveda taħt l-Artikoli 70, 71 u 72 tar-Regolament Nru 1122/2009, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali fejn hemm diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan l-istess qasam suġġett għal kundizzjonalità, il-possibbiltà ta' għadd flimkien tat-tnaqqis fl-għajnuna li jirriżulta mill-każijiet ta' nuqqas ta' konformità għall-kundizzjonalità ripetuti u mhux ripetuti minn naħa, u fil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali għall-kundizzjonalità, min-naħa l-oħra?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva, liema dispożizzjoni tikkostitwixxi l-bażi legali ta' tali għadd flimkien u liema hija r-regola ta' kalkolu li tirregolah?

14 Minbarra d-deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2014, ir-rikors ippreżentat mill-aventi kawża ta' M. Nooren jikkonċerna, b'mod partikolari, id-deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2014 tas-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi, li permezz tagħha dan tal-aħħar ikkalkola mill-ġdid l-għajnuna mogħtija għas-sena 2011 billi ttieħed inkunsiderazzjoni t-tnaqqis stabbilit fid-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Settembru 2014.

3) Fil-każ ta' risposta negattiva, teżisti bażi legali differenti oħra fid-dritt tal-Unjoni għal tali għadd flimkien?"

19. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u mill-Kummissjoni Ewropea. Kull waħda minn dawn il-partijiet ġiet irrappreżentata matul is-seduta tas-7 ta' Novembru 2017.

IV. Analiżi

A. Kunsiderazzjonijiet preliminari

20. Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda preliminari, li nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ġew ikkonstatati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan l-istess qasam ta' kundizzjonalità, l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 jippermettux li jiġi aggregat flimkien, minn naħa, it-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti, u min-naħa l-oħra, it-tnaqqis u l-esklużjonijiet applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali. Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, permezz tat-tielet domanda preliminari, jekk teżistix bażi legali oħra fid-dritt tal-Unjoni li tippermetti tali aggregazzjoni.

21. Qabel ma nibda l-analiżi ta' dawn id-domandi, nemmen li jkun siewi jekk nesponi l-karatteristiċi prinċipali tas-sistema ta' tnaqqis u ta' esklużjonijiet applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità stabbilita mir-Regolamenti Nru 73/2009 u Nru 1122/2009 (Taqsima B).

22. Sussegwentement, ser nanalizza d-domandi preliminari. F'dan ir-rigward, ser nagħti r-raġunijiet għalfejn inqis li l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009, moqrija flimkien mal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 73/2009, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom jiġu aggregati flimkien, minn naħa, it-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti, u min-naħa l-oħra, it-tnaqqis u l-esklużjonijiet applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali (Taqsima C).

B. Fuq il-karatteristiċi prinċipali tas-sistema ta' tnaqqis u ta' esklużjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonalità, kif stabbilita mir-Regolamenti Nru 73/2009 u Nru 1122/2009

23. Fil-kuntest tas-sistema ta' "kundizzjonalità", li hija parti integrali mill-appoġġ tal-Unjoni fil-kuntest ta' pagamenti diretti, il-bdiewa li ma josservawx ċerti kundizzjonijiet statutorji (imsejħa "regoli ta' kundizzjonalità") ikunu suġġetti għal tnaqqis ta' appoġġ dirett jew għall-esklużjoni ta' dan tal-aħħar [15]. Din is-sistema ta' tnaqqis u ta' esklużjonijiet għandha l-għan li tinċentiva lill-bdiewa josservaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ, fl-oqsma differenti tal-kundizzjonalità, bil-għan li r-regoli marbuta, fost l-oħrajn, mal-benesseri tal-annimali, jiġu inklużi fil-politika agrikola komuni (PAK) [16].

24. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009 jipprovdi tnaqqis tal-ammont totali ta' pagamenti diretti mogħtija jew li ser jingħataw lil bidwi li ssottometta applikazzjoni għall-għajnuna meta l-kundizzjonijiet statutorji fil-qasam tal-ġestjoni jew il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba ma jiġux osservati matul is-sena kalendarja li fir-rigward tagħha tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-għajnuna [17]. It-tnaqqis u l-esklużjonijiet huma applikati konformement mar-regoli previsti fl-Artikolu 24 tal-imsemmi regolament u fl-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009, fejn dawn tal-aħħar jipprovdu regoli iktar iddettaljati dwar it-tnaqqis u l-esklużjonijiet [18].

25. L-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 73/2009 u l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 jistabbilixxu *distinzjoni* bejn is-sanzjonijiet applikabbli, minn naħa, fil-każ ta' negliġenza, u min-naħa l-oħra, fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza intenzjonali [19]. Fil-fatt, skont l-imsemmija dispożizzjonijiet, dawn iż-żewġ tipi ta' ksur jiskattaw sanzjonijiet ferm distinti.

26. Fl-ewwel lok, fir-rigward tat-tnaqqis applikabbli fil-każijiet ta' *negliġenza* (*mhux ripetuta*), l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 73/2009 jipprevedi limitu massimu ta' 5 %. L-Artikolu 71(1) tar-Regolament Nru 1122/2009 jispeċifika li l-perċentwali ta' tnaqqis applikabbli fil-każ ta' negliġenza jikkorrispondi, bħala regola ġenerali, għal 3 %, iżda jista' jitnaqqas sa 1 % u jiżdied sa 5 % [20].

15 Ara, f'dan is-sens, il-premessa 3 tar-Regolament Nru 73/2009.

16 Ara dwar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU 2003, L 270, p. 1), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243), li ġew abrogati u ssostitwiti, rispettivament, mir-Regolamenti Nru 73/2009 u Nru 1122/2009, is-sentenzi tal-11 ta' Marzu 2008, Jager (C-420/06, EU:C:2008:152, punt 71), u tas-27 ta' Frar 2014, van der Ham u van der Ham-Reijersen van Buuren (C-396/12, EU:C:2014:98, punt 52). Ara, barra minn hekk, f'dan is-sens, fir-rigward tar-Regolament Nru 73/2009, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, Maatschap L.A. en D.A.B. Langestraat en P. Langestraat-Troost (C-11/12, EU:C:2012:808, punti 35 u 40).

17 Ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, Maatschap L.A. en D.A.B. Langestraat en P. Langestraat-Troost (C-11/12, EU:C:2012:808, punt 22). Ara, barra minn hekk, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 73/2009, li jipprovdi li kull bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet statutorji fil-qasam tal-ġestjoni elenkati fl-Anness II tal-imsemmi regolament, kif ukoll il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba previsti fl-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament. Skont Artikolu 5 tal-istess regolament, il-kundizzjonijiet statutorji fil-qasam tal-ġestjoni huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari fil-qasam tal-benesseri tal-annimali.

18 Skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament Nru 73/2009, ir-regoli ddettaljati dwar it-tnaqqis u l-esklużjonijiet huma stabbiliti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2) tar-Regolament Nru 73/2009. B'dan il-mod, jittieħdu inkunsiderazzjoni s-severità, il-portata, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità li jirriżulta kif ukoll il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4 tal-Artikolu 24. L-imsemmi Artikolu 141(2) jirreferi għall-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 124 sa 127).

19 Għandu jiġi nnotat li l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 73/2009 jużaw it-terminu "nuqqas ta' konformità", filwaqt li l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 jużaw it-terminu "nuqqas ta' osservanza". Barra minn hekk, filwaqt li l-Artikolu 24(3) tar-Regolament Nru 73/2009 jirreferi għall-każ ta' "nuqqas ta' konformità intenzjonat", l-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 juża t-terminu "nuqqas ta' [osservanza] intenzjonat". Madankollu, dawn id-differenzi lingwistiċi, fl-opinjoni tiegħi, ma jistgħux jimplikaw sinjifikat differenti bejn it-termini użati.

20 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament Nru 1122/2009, l-aġenzija tal-ħlas tista' tiddeċiedi, fil-każijiet li jaqgħu taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 54(1)(c), li ma timponi ebda tnaqqis.

27. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-każijiet ta' negliġenza *ripetuti*, l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 73/2009 jiffissa l-limitu massimu ta' tnaqqis għal 15 %. Għal dawn il-każijiet, l-Artikolu 71(5) tar-Regolament Nru 1122/2009 jipprovdi regola ta' kalkolu li tikkonsisti, essenzjalment, fil-multiplikazzjoni bil-fattur ta' tlieta tal-perċentwali ffissat minn qabel, konformement mal-Artikolu 71(1) tal-imsemmi regolament, fir-rigward tal-ewwel repetizzjoni. Fil-każ ta' repetizzjonijiet ulterjuri, il-perċentwali kkalkolat għar-repetizzjoni preċedenti jiġi mmultiplikat b'fattur ta' tlieta, sakemm jintlaħaq il-limitu massimu ta' 15 %[21].

28. Fit-tieni lok, fir-rigward tat-tnaqqis applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza *intenzjonali*, l-Artikolu 24(3) tar-Regolament Nru 73/2009 jipprovdi li, bħala prinċipju, il-perċentwali ta' tnaqqis ma għandux ikun inqas minn 20 % u jista' jwassal saħansitra għal esklużjoni totali (jiġifieri tnaqqis ta' 100 %) minn skema ta' għajnuna waħda jew iktar u japplika għal sena kalendarja waħda jew iktar. L-Artikolu 72(1) tar-Regolament Nru 1122/2009 jispeċifika li l-perċentwali ta' tnaqqis jiżdied minn 15 % sa 100 %, bit-tnaqqis iffissat, bħala regola ġenerali, għal 20 %[22].

29. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 24(4) tar-Regolament Nru 73/2009 jipprovdi limitu massimu li jistabbilixxi li, fi kwalunkwe każ, l-ammont totali ta' tnaqqis u esklużjonijiet għal sena kalendarja waħda ma jistax jeċċedi l-ammont totali ta' pagamenti diretti mogħtija jew li ser jingħataw.

30. Minn dak li ntqal preċedentement jirriżulta li t-tnaqqis u l-esklużjonijiet li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità huma rregolati kemm mill-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 73/2009 u kif ukoll mill-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009, bl-ewwel żewġ dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-prinċipji u l-kriterji ġenerali, filwaqt li l-aħħar żewġ dispożizzjonijiet jistabbilixxu regoli iktar iddettaljati. Fuq din il-bażi, jiena nqis, bħall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, li sabiex nirrispondi għad-domandi mressqa mill-qorti tar-rinviju, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009, iżda wkoll l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 73/2009[23].

C. Fuq l-ewwel u t-tieni domanda preliminari

31. Għandu jitfakkar, qabelxejn, li f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju kkonstatat li s-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi kien iffissa korrettament, minn naħa, it-tnaqqis ta' 15% għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti, u min-naħa l-oħra, tnaqqis ta' 40 % għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali[24].

32. Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda preliminari, li nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza flimkien, din il-qorti tistaqsi, essenzjalment, jekk l-imsemmi tnaqqis ta' 15 % u ta' 40 % jistgħux jiġu aggregati, sabiex b'hekk il-bidwi kkonċernat jingħata tnaqqis totali ta' 55 %.

21 L-imsemmi tielet subparagrafu tal-Artikolu 71(5) jispeċifika, barra minn hekk, li ladarba jintlaħaq il-limitu ta' 15 %, il-bidwi għandu jiġi informat li, fil-każ li jerġa' jiġi kkonstatat l-istess nuqqas ta' konformità, għandu jitqies li huwa jkun aġixxa intenzjonalment skont l-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 1122/2009. Għall-kunċett ta' "nuqqas ta' konformità ripetut", ara l-Artikolu 47(1) tar-Regolament Nru 1122/2009.

22 Għall-kunċett ta' "nuqqas ta' konformità intenzjonali", skont l-Artikolu 67(1) tar-Regolament Nru 796/2004 (li jikkorrispondi għall-Artikolu 72(1) tar-Regolament Nru 1122/2009), ara s-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, van der Ham u van der Ham-Reijersen van Buuren (C-396/12, EU:C:2014:98, punti 27 sa 37).

23 Konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk, formalment, il-qorti tar-rinviju llimitat id-domandi tagħha għall-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, tali ċirkustanza ma tipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdilha l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, kemm jekk din il-qorti tkun għamlet riferiment għalihom fid-domandi tagħha kif ukoll jekk le. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet, mill-informazzjoni kollha pprovduta mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fir-rigward tas-suġġett tat-tilwima. Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Otero Ramos (C-531/15, EU:C:2017:789, punt 40).

24 Ara l-punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

33. Bħall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni, jiena tal-opinjoni li r-risposta li għandha tingħata għal din id-domanda għandha tkun fl-affermattiv. Jiena nqis, fil-fatt, li l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009, moqrija flimkien mal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 73/2009, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ġew ikkonstatati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan l-istess qasam ta' kundizzjonalità, għandhom jiġu aggregati flimkien, minn naħa, it-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti, u min-naħa l-oħra, it-tnaqqis u l-esklużjonijiet applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali.

34. F'dan ir-rigward, nibbaża ruħi fuq l-osservazzjonijiet li ġejjin.

35. L-ewwel nett, kif diġà għidt f'dawn il-konklużjonijiet, l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009 jipprovdi tnaqqis tal-ammont totali ta' pagamenti diretti mogħtija jew li ser jingħataw fil-każ li ma jiġux osservati r-regoli ta' kundizzjonalità. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 73/2009 u l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 jistabbilixxu distinzjoni bejn il-każijiet ta' negliġenza, minn naħa, u l-każijiet ta' nuqqas ta' osservanza intenzjonali, min-naħa l-oħra, billi jipprovdu sanzjonijiet distinti għal dawn iż-żewġ tipi ta' ksur [25].

36. Isegwi, fl-opinjoni tiegħi, li f'sitwazzjoni fejn ġew ikkonstatati kemm każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza u kif ukoll każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, it-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza (iddeterminati skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 73/2009 u l-Artikolu 71 tar-Regolament Nru 1122/2009), minn naħa, u t-tnaqqis u l-esklużjonijiet applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali (iddeterminati skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament Nru 73/2009 u l-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 1122/2009), min-naħa l-oħra, għandhom jiġu ddeterminati separatament. Huwa biss permezz ta' tali approċċ li jiġu osservati r-regoli ddettaljati taż-żewġ sistemi ta' sanzjonijiet, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-perċentwali ta' tnaqqis u tal-limiti massimi applikabbli għal dawn iż-żewġ tipi ta' ksur [26].

37. Sussegwentement, it-tnaqqis u l-esklużjonijiet hekk stabbiliti għandhom jiġu aggregati sal-limitu massimu ta' 100 % previst fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament Nru 73/2009. L-obbligu li ssir tali aggregazzjoni huwa, fl-opinjoni tiegħi, inerenti għall-iskema ta' tnaqqis u esklużjonijiet stabbilita fl-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 73/2009 u l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009. Fil-fatt, l-imsemmija dispożizzjonijiet jiċċaħdu minn kull effett utli li kieku t-tnaqqis iddeterminat għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza jiġi, biex jingħad hekk, "assorbit" minn dak iddeterminat għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali (jew viċi-versa). Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, fl-assenza ta' tali aggregazzjoni, il-limitu massimu previst fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament Nru 73/2009 jitlef il-portata kollha tiegħu [27]. Għalhekk, jiena nqis li tajt risposta għad-domanda dwar il-bażi legali ta' tali aggregazzjoni, imressqa mill-qorti tar-rinviju permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha [28].

38. It-tieni nett, għandu jiġi kkonstatat li ebda dispożizzjoni tar-Regolamenti Nru 73/2009 u Nru 1122/2009 ma tippermetti d-deroga minn dan il-prinċipju ta' aggregazzjoni f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn huma kkonstatati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan l-istess qasam ta' kundizzjonalità, li whud minnhom huma dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti, u oħrajn għal nuqqas ta' konformità intenzjonali. B'mod partikolari, ir-regoli

25 Ara l-punti 24 sa 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 Ara l-punti 26 sa 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

27 Fir-rigward tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament Nru 73/2009, ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

28 Ara l-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

previsti fl-Artikolu 70(6) u fl-Artikolu 71(6) tar-Regolament Nru 1122/2009, li ġew invokati mill-aventi kawża ta' M. Nooren [29], ma jiġġustifikawx li jkun hemm deroga mill-prinċipju ta' aggregazzjoni, minn naħa, tat-tnaqqis iddeterminat għal każijiet ta' negliġenza u, min-naħa l-oħra, tat-tnaqqis u l-esklużjonijiet iddeterminati għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali.

39. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 1122/2009, għandu jiġi kkonstatat li din id-dispożizzjoni tipprovdi li, fejn jiġu kkonstatati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward ta' atti jew standards varji tal-istess qasam ta' kundizzjonalità, dawn il-każijiet għandhom, għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-tnaqqis skont l-Artikoli 71(1) u 72(1) tal-imsemmi regolament, jitqiesu bħala każ wieħed ta' nuqqas ta' konformità [30].

40. Fl-opinjoni tiegħi, din id-dispożizzjoni tipprevedi l-"kombinazzjoni" tal-ksur għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-sanzjonijiet rispettivi għal, minn naħa, każijiet ta' negliġenza, skont l-Artikolu 71(1) tar-Regolament Nru 1122/2009 u, min-naħa l-oħra, każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, skont l-Artikolu 72(1) tal-imsemmi regolament. Fi kliem ieħor, inqis li l-imsemmija dispożizzjoni timplika li l-każijiet kollha ta' negliġenza għandhom jitqiesu bħala każ ta' negliġenza u li l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali għandhom jitqiesu bħala każ wieħed ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, meta jiġu stabbiliti s-sanzjonijiet rispettivi [31].

41. Min-naħa l-oħra, fl-opinjoni tiegħi, ma hemm xejn fit-test tal-Artikolu 70(6) tal-imsemmi regolament li jindika li hemm lok li tiġi stabbilita sanzjoni unika għal każijiet kollha ta' nuqqas ta' konformità kkonstatati irrispettivament min-natura tagħhom, kif jidhru li qegħdin jissuġġerixxu l-aventi kawża ta' M. Nooren [32]. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni ma tkunx konformi mad-distinzjoni li jagħmel l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 73/2009 u l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 bejn sanzjonijiet applikabbli fil-każ ta' negliġenza u dawk applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza intenzjonali. Infakkar f'dan il-kuntest li, skont il-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja, regolament ta' implementazzjoni għandu, jekk possibbli, ikun suġġett għal interpretazzjoni konformi mar-regolament bażiku [33].

42. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 1122/2009 ma japplikax għal każijiet ta' negliġenza ripetuti. Fil-fatt, it-test ta' din id-dispożizzjoni jirreferi biss għall-Artikolu 71(1) u għall-Artikolu 72(1) tal-imsemmi regolament li jikkonċernaw, rispettivament, it-tnaqqis applikabbli fil-każijiet ta' negliġenza mhux ripetuti u t-tnaqqis applikabbli fil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija dispożizzjoni ma tagħmel ebda

29 Ara l-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet. Għal finijiet ta' kompletezza, ser inżid li l-Artikolu 71(4) tar-Regolament Nru 1122/2009 ma japplikax f'sitwazzjoni bħal din inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, kif tikkonstata l-qorti tar-rinviju, din id-dispożizzjoni tikkonċerna biss sitwazzjoni fejn jiġu kkonstatati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan *diversi oqsma* ta' kundizzjonalità, li ma huwiex il-każ inkwistjoni.

30 Ir-Regolament Nru 796/2004 li pprevieda r-Regolament Nru 1122/2009, kien jinkludi dispożizzjoni kważi identika għall-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 1122/2009 li, madankollu, kienet tirrigwarda biss it-tnaqqis applikabbli fil-każ ta' *negliġenza* (Artikolu 66(2) tar-Regolament Nru 796/2004). Ma huwiex ċar għalfejn din id-dispożizzjoni ġiet spostata fir-Regolament Nru 1122/2009, fl-artikolu marbut mal-"Prinċipji ġenerali u definizzjoni" (Artikolu 70(6) tal-imsemmi regolament), b'effett li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha ġie estiż għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali.

31 Ara, f'dan is-sens, il-premessa 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2184/2005 tat-23 ta' Diċembru 2005 li jemenda Regolamenti (KE) Nru 796/2004 u (KE) Nru 1973/2004 li jwaqqaf regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa (ĠU 2005, L 347, p. 61), li minnha jirriżulta li "b'mod konformi mal-Artikolu 66(2) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004 [li jikkorrispondi mal-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 1122/2009], in-nuqqas ta' osservanza ta' diversi obbligi fil-qasam tal-kundizzjonalità fi ħdan l-istess qasam ta' kundizzjonalità skont punt 31 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, għandu jitqies bħala każ ta' nuqqas ta' konformità wieħed *meta jiġu stabbiliti s-sanzjonijiet rispettivi*" (enfasi tiegħi).

32 Ara l-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

33 Ara s-sentenza tal-14 ta' Mejju 2009, Internationaal Verhuis- en Transportbedrijf Jan de Lely (C-161/08, EU:C:2009:308, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, tali interpretazzjoni tqajjem il-kwistjoni dwar *liema regola* għandha tapplika fid-determinazzjoni ta' din is-"sanzjoni unika" (konformement mal-Artikolu 71(1) jew konformement mal-Artikolu 72(1) tar-Regolament Nru 1122/2009). Il-fatt li r-Regolament ma jgħid xejn fir-rigward ta' din il-kwistjoni, isaħħaħ il-ħsieb tiegħi li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma riedx li tiġi stabbilita sanzjoni unika f'sitwazzjoni fejn ġew ikkonstatati kemm każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza kif ukoll każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali.

riferiment għall-Artikolu 71(5) tal-istess regolament rigward il-każijiet ta' negliġenza ripetuti. Isegwi li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 1122/2009, ma huwiex applikabbli għal każijiet ta' negliġenza ripetuti. Għaldaqstant, it-tnaqqis applikabbli f'dawn il-każijiet għandu, f'kull każ, jiġi stabbilit b'mod separat.

43. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-Artikolu 71(6) tar-Regolament Nru 1122/2009, għandu jiġi kkonstatat li, bħalma jirriżulta mit-titolu tiegħu, l-imsemmi Artikolu 71 jikkonċerna biss il-każijiet ta' negliġenza u li l-paragrafu 6 tiegħu jikkonċerna s-sitwazzjoni partikolari li fiha jiġi stabbilit każ ta' nuqqas ta' konformità ripetut flimkien ma' nuqqas ta' konformità ieħor, ripetut jew mhux ripetut. Isegwi li din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali u li, f'tali sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-imsemmija dispożizzjoni ma għandha ebda effett fuq it-tnaqqis u l-esklużjonijiet applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali kkonstatati.

44. Minn dak li ntqal preċedentement, jirriżulta li la l-Artikolu 70(6), la l-Artikolu 71(6) tar-Regolament Nru 1122/2009 u lanqas l-applikazzjoni konġunta ta' dawn it-tnejn, ma jiġġustifikaw l-iffissar ta' sanzjoni unika suġġetta għal limitu massimu ta' 15 %, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bħalma jargumentaw l-aventi kawża ta' M. Nooren [34].

45. Barra minn hekk, fil-fehma tiegħi, tali interpretazzjoni tkun illoġika. Fil-fatt, din ikollha bħala konsegwenza li t-tnaqqis applikabbli f'tali sitwazzjoni fejn jiġu kkonstatati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza u diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, ikun inqas mit-tnaqqis applikabbli f'każ wieħed ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali li huwa, bħala regola ġenerali, ta' 20 %, kif previst fl-Artikolu 72(1) tar-Regolament Nru 1122/2009. Barra minn hekk, tali riżultat ikun irrikonċiljabbli mal-għan tas-sistema ta' tnaqqis u esklużjonijiet stabbilita fl-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 73/2009 u fl-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009, li huma intiżi sabiex jinkoraġġixxu lill-bdiewa josservaw il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fid-diversi oqsma ta' kundizzjonalità [35].

46. F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-applikazzjoni tal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 73/2009 u tal-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 twassal, fl-opinjoni tiegħi, għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet segwenti.

47. L-ewwel nett, għandhom jiġu kkombinati flimkien, konformement mal-Artikolu 70(6) tar-Regolament Nru 1122/2009, minn naħa, il-każijiet kollha ta' negliġenza *mhux ripetuti* u min-naħa l-oħra, il-każijiet kollha ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, u għandhom jiġu stabbiliti, b'mod separat, għal dawn iż-żewġ gruppi ta' ksur, it-tnaqqis u l-esklużjonijiet li għandhom jiġu applikati skont l-Artikolu 71(1) (għal każijiet ta' negliġenza mhux ripetuti) u l-Artikolu 72(1) tal-imsemmi regolament (għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali). It-tieni nett, għandhom jiġu ddeterminati t-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' negliġenza *ripetuti*, skont l-Artikolu 71(5) tar-Regolament Nru 1122/2009. It-tielet nett, skont l-Artikolu 71(6) tal-imsemmi regolament, għandhom jiġu aggregati flimkien il-perċentwali ta' tnaqqis iffissat minn naħa, għal każijiet ta' negliġenza mhux ripetuti u, min-naħa l-oħra, għal każijiet ta' negliġenza ripetuti, sakemm jintlaħaq il-limitu massimu ta' 15% previst f'din id-dispożizzjoni. Fl-aħħar nett, għandhom jiġu aggregati flimkien, minn naħa, t-tnaqqis iddeterminat għal każijiet ta' negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis (jew esklużjonijiet) iddeterminati għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali. Kif jipprovdi

34 Ara l-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

35 Ara l-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet. Infakkar li skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament Nru 73/2009, fl-iffissar tar-regoli ddettaljati marbuta mat-tnaqqis u mal-esklużjonijiet, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni s-severità, il-portata, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità kkonstatat. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 18 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara wkoll, barra minn hekk, il-premessa 75 tar-Regolament Nru 1122/2009 fejn hemm referenza għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

l-Artikolu 24(4) tar-Regolament Nru 73/2009, l-ammont totali ta' tnaqqis u esklużjonijiet għal sena kalendarja waħda ma jistax madankollu jeċċedi l-100 % tal-ammont totali ta' pagamenti diretti mogħtija jew li għandhom jingħataw. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, f'dan il-każ, dawn ir-regoli ddettaljati ġewx osservati matul l-iffissar tat-tnaqqis ta' 55 %.

48. Bħala konklużjoni, nemmen li jkun utli jekk nikkummenta ftit dwar ir-risposta li pproponiet il-Kummissjoni għad-domandi preliminari. Hija tipproponi risposta globali għal dawn id-domandi fis-sens li l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 ma jipprekludux li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jieħdu inkunsiderazzjoni, f'sitwazzjoni ta' akkumulazzjoni ta' każ wieħed jew iktar ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali skont l-Artikolu 72(1) tal-imsemmi regolament, l-eżistenza ta' każijiet oħra ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti, u li huma japplikaw, fil-limiti ta' din id-dispożizzjoni, tnaqqis globali uniku filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni, għall-parti stabbilita tar-rati ta' tnaqqis globali, l-eżistenza tal-każijiet l-oħra ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza.

49. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni tqis li, peress li l-Artikolu 72(1) tar-Regolament Nru 1122/2009 jipprovdi tnaqqis li jilħaq il-100 % għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ġew ikkonstatati kemm każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, ripetuti u mhux ripetuti, kif ukoll każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, jistabbilixxu tnaqqis globali, skont l-imsemmija dispożizzjoni, li jieħu inkunsiderazzjoni mhux biss il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, iżda wkoll il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza.

50. L-approċċ propost mill-Kummissjoni ma jikkonvinċinix, u dan għar-raġunijiet segwenti.

51. L-ewwel nett, tali approċċ ma jkunx, fl-opinjoni tiegħi, konformi mal-formolazzjoni tal-Artikolu 72(1) tar-Regolament Nru 1122/2009 li tipprovdi li din id-dispożizzjoni tikkonċerna biss il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali. Barra minn hekk, dan ma jkunx josserva d-distinzjoni magħmula mill-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 73/2009 u mill-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 bejn it-tnaqqis applikabbli fil-każ ta' negliġenza, minn naħa, u t-tnaqqis u l-esklużjonijiet applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza intenzjonali, min-naħa l-oħra [36].

52. It-tieni nett, inqis li l-approċċ tal-Kummissjoni joħloq problemi ta' ċertezza legali għall-persuni kkonċernati peress li jagħti setgħa diskrezzjonali wiesgħa ħafna lill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tad-determinazzjoni tat-"tnaqqis globali" li għandu jiġi applikat f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, li kieku dan l-approċċ kellu jiġi adottat, ikun prattikament impossibbli għall-persuni kkonċernati li jipprevedu s-sanzjoni li ser tiġi imposta fil-konfront tagħhom f'tali sitwazzjoni [37]. F'dan ir-rigward, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009 għandhom l-għan li jipprevedu regoli ddettaljati rigward it-tnaqqis u l-esklużjonijiet applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' kundizzjonalità [38]. L-approċċ li pproponiet il-Kummissjoni jkollu bħala effett li jrendi dawn ir-regoli mingħajr effett, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li, fir-realtà, dawn ikunu "assorbiti" mir-regola prevista fl-Artikolu 72(1) tar-Regolament Nru 1122/2009.

53. Bħala konklużjoni, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament Nru 1122/2009, moqrija flimkien mal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 73/2009, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ġew ikkonstatati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan l-istess qasam ta' kundizzjonalità,

36 Fir-rigward din id-distinzjoni, ara l-punti 25 sa 28 u 35 sa 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, il-prinċipju ta' ċertezza legali jeżiġi, b'mod partikolari, li r-regoli tad-dritt ikunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, b'mod partikolari meta jista' jkollhom konsegwenzi sfavorevoli għall-individwi. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Altun (C-337/07, EU:C:2008:744, punt 60).

38 Ara l-Artikolu 24(1) tar-Regolament Nru 73/2009. Ara, ukoll, il-punt 24 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

għandhom jiġu aggregati flimkien, minn naħa, it-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti, iddeterminati skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 73/2009 u l-Artikolu 71 tar-Regolament Nru 1122/2009, u min-naħa l-oħra, it-tnaqqis u l-esklużjonijiet applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali kkonstatati skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament Nru 73/2009 u l-Artikolu 72(1) tar-Regolament Nru 1122/2009. Konformement mal-Artikolu 24(4) tar-Regolament Nru 73/2009, l-ammont totali ta' tnaqqis u esklużjonijiet għal sena kalendarja ma jistax madankollu jeċċedi l-100 % tal-ammont totali ta' pagamenti diretti mogħtija jew li ser jingħataw.

54. Fid-dawl ta' din ir-risposta, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda preliminari.

V. Konklużjoni

55. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej id-domandi preliminari mressqa mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi):

L-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxu regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa previsti minn dan ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid, moqrija flimkien mal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-iskemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda ir-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ġew ikkonstatati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan l-istess qasam ta' kundizzjonalità,, għandhom jiġu aggregati flimkien, minn naħa, it-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, kemm ripetuti kif ukoll mhux ripetuti, u min-naħa l-oħra, it-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali. Konformement mal-Artikolu 24(4) tar-Regolament Nru 73/2009, l-ammont totali ta' tnaqqis u esklużjonijiet għal sena kalendarja ma jistax madankollu jeċċedi l-100 % tal-ammont totali ta' pagamenti diretti mogħtija jew li ser jingħataw.